**Nru. 526**

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM IMĦALLEF**

**Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12)**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) tal-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Prim Imħallef ħatar lill-Maġistrat Dott. Antonio Mizzi bħala Maġistrat Anzjan u dan sakemm ma jiġix provdut mod ieħor.

Is-7 ta' Mejju 2012

**No. 526**

**OFFICE OF THE CHIEF JUSTICE**

**Article 7 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by sub-article (2) of Article 7 of the Code of Organisation and Civil Procedure, the Chief Justice has designated Magistrate Dr Antonio Mizzi as Senior Magistrate until such time as is provided otherwise.

7th May 2012

**Nru. 527**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Post tas-Seduta**

NGĦARRFU li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 412(3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), il-Ministru tal-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja approva li 1, Sqaq Nru. 4, Triq Għeriexem, Rabat, Malta, bħala l-post li fih l-istess Qorti żżomm is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2012.

Id-9 ta' Mejju, 2012

**No. 527**

**COURT OF MAGISTRATES (MALTA) AS COURT OF CRIMINAL JUSTICE**

**Place of Sitting**

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 412(3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister of Justice, Dialogue and the Family has approved that 1, Sqaq Nru. 4, Triq Għeriexem, Rabat, Malta, is a place where the same Court may hold its sitting on the thirst-first (31) May, 2012.

9th May, 2012

**Nru. 528**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ikkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

**No. 528**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

*Nru. ta' Riferenza:* TRK 143798
*Post:* The Landmark, Triq it-Tiġrija k/m Triq l-Iljun, Ħal Qormi, Malta
*Proposta:* Bini mill-ġdid ta' fabbrika eżistenti (birrerija *ex*-Lowenbrau) fi żvilupp biex jintuża għal diversi skopijiet li jinkludi tibdil sabiex jiġu pprovduti faċilitajiet anċillari għal *catering* u *demonstration, supermarket* u ħwienet, *garden centre* bil-ħanut, uffiċċju amministrattiv, maħżen anċillari u parkeġġ fuq il-livell tal-bejt.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-14 ta' Frar 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-3 ta'April 2012.

A detailed justification is presented below:

*Reference No.:* TRK 143798
*Location:* The Landmark, Triq it-Tiġrija c/w Triq l-Iljun, Ħal Qormi, Malta
*Proposal:* Redevelopment of existing factory (ex-Lowenbrau-brewery) into a mixed use development including alterations providing ancillary catering and demonstration areas, supermarket and retail in stores, garden centre, + retail area, administrative office, ancillary store at roof level, and surface parking

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 14th February 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 3rd April 2012.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt eċċ**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ġenerazzjoni ta' skart | L-skart iġġenerat mill-iżvilupp huwa meqjus bħala wieħed minuri, għaldaqstant is-salvagwardji normali tal-permess għandhom jiġu adottati.<br>Waqt il-kostruzzjoni, l-ebda tip ta' twaqqigħ mhuwa maħsub, għaldaqstant wieħed jistenna biss kwantitajiet żgħar ta' skart relatati ma' xogħlijiet tal-irfinar.<br>Waqt l-operat, l-iskart ġenerat se jkun ta' natura muniċipali u skart assoċjat mal-użi kif proposti. |
| *Waste Generation* | *Waste to be generated by the proposed development is considered to be minimal, standard permit safeguards shall be adopted.*<br>*During construction, no demolition is envisaged hence only minor waste, associated with finishing works are expected. During operation, waste streams would mainly be related to municipal solid waste and waste streams associated with the proposed uses.* |
| Kwalità tal-arja | L-iżvilupp minnu nnifsu ma ġiex identifikat li jikkawża impatti maġġuri fuq il-kwalità tal-arja, madanakollu kien innutat li l-impatti kumulattivi fl-akkwati huma ta' tħassib. Għalhekk l-applikant qed jintalab li jissottometti "Green Travel Plan" dettaljat, li jinkludi miżuri mmirati biex jitnaqqas l-impatti tat-traffiku. |
| *Air quality* | *The development per se has not been identified as a cause of major air quality issues, however it is noted that cumulative impacts in the area are of concern. Hence the applicant is being requested to submit a detailed Green Travel Plan including measures aim at reducing traffic impacts.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-impatti tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet assoċjati mal-użu tas-swali jista' jkun ta' impatt għar-riċetturi sensittivi tal-madwar. Għaldaqstant intalab rapport mingħand inġinier (rapport dwar l-akustika) sabiex jindirizza direttament il-possibbiltà ta' dawn l-impatti. |
| *Noise and vibration* | *The noise and vibration impacts associated to the functional halls may impact the surrounding sensitive receptors. Thus, an engineers report (acoustic report) has been requested to directly address and mitigate these possible impacts.* |
| Wirt Storiku u Kulturali | Iż-żona tal-madwar hija magħrufa bħala żona sensittiva mill-aspett arkeoloġiku. Se jkun hemm monitoraġġ xieraq kif meħtieġ mill-HPU (Heritage Planning Unit) fi ħdan il-MEPA. |

| | |
|---|---|
| *Cultural and heritage* | *The surrounding area is known to be archaeologically sensitive. This aspect will be subjected to appropriate monitoring as deemed necessary by HPU (Heritage Planning Unit) within MEPA.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista’ jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Il-11 ta’ Mejju, 2012

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

11th May, 2012

**Nru. 529**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b’din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 529**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)**

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Dominic Polidano | 470264 (M) | 49, Triq Zekka, Valletta |
| Jason Woodhead | 47705 (L) | 113, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi |
| Redeemer Mifsud | 85986 (M) | 12, “Nirvana”, Triq Angelo Borg, Qormi |
| George Farrugia Scicluna | 261265 (M) | Flat 16, Għajn Kajjet, Blokk B, Rabat |
| William Tulbert Cosmos | 402611 (L) | 15, “Jimmy’s”, Flat 8, Triq Desguanez, San Pawl il-Baħar |
| Raymond Calleja | 198869 (M) | 20, “Rayrose”, Triq il-Margeriti, Santa Lucia |
| Matthew Farrugia | 164394 (M) | 49, Triq Monsinjur De Piro, Ħamrun |
| Josephine Cassar | 307665 (M) | 105, “Redeemer”, Triq Sant’Antnin, Fgura |
| Simon Agius | 2569 (M) | 3, Flat 6, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana |
| Seamus Riolo | 152591 (M) | 25, “St. George’s B”, Triq San Edwardu, Qormi |
| Rita Aquilina | 157961 (M) | 33, “The Pines”, Triq Indri Micallef, Luqa |
| Rhoda Cutajar | 27887 (M) | 21, “Garden of Eden”, Triq ta’ l-Aħfar, Kirkop |
| Salvu Galea | 60262 (M) | 2, “Santa Maria”, Triq Ġużeppi Hyzler, Mosta |
| Marilyn Schembri | 84291 (M) | “Jesus Redemptor”, Triq id-Daħla ta’ San Tumas, Żejtun |